MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2005

Rikors Numru. 877/1997/1

Il-Kirurgu Dr. Victor M. Sultana M.D. F.R.C.S.
vs
Il-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku, Il-Ministeru tas-Sahha, Id-Dipartiment tas-Sahha

Illum 27 ta’ Jannar 2005

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors ipprezentat mir-rikorrent fit-18 ta’ Novembru 1997 fejn wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995, u b’mod aktar preciz fi jew ghall habta bejn il-25 ta’ Awissu 1994 u l-15 ta’ Mejju 1995 huwa sofra ngustizzja f’li ma kienx appuntat Konsulent Kirurgiku b’interess Vaskulari, liema eskluzjoni saret billi dan ix-xoghol inghata lil haddiehor li ma kienx applika ghal dan il-post.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Wara sejha fil-Gazzetta tal-Gvern ta' 4/3/94 D.H. 950/60/III ghal applikazzjonijiet ghall-hatra ta' Konsulenza fil-Kirurgija **b'interess fil-kirurgija Vaskulari u Renali** **Dokument 1.**, zewg applikanti biss applikaw ghal din. Huwa kien wiehed minnhom. L-iehor kien Alex Attard. Din is-sejha kienet differenti ferm minn sejhiet ohra fil-Kirurgija fil-passat **Dokument 2** 16/4/87; **Dokument 3** 26/1/88. Waqt li ohrajn qabilha kienu ghal Kirurgija Generali BISS din kienet **specifika** - Min jinhatar kellu l-obbligu li jaghti servizz ta' Emergenza Vaskulari wkoll, apparti mill-obbligi tieghu li jaghti servizz ta' Kirurgija Generali kemm Cold Surgery, kif ukoll Emergency Surgery – **Dokument 1** (Para 5.8). Barra minn hekk konsulenti mahtura qabel din is-sejha kienu Kirurgi Generali., minghajr l-obbligu ta' interess specjali f'dan il-qasam tax-xoghol - Doks 2,3. Sakemm harget din is-sejha, servizz specifiku ta' konsulent ghal emergenzi vaskulari ma kienx hemm. Kull firm kienet tiehu hsieb l-ghassa taghha stess, bix-xoghol maghmul minn kirurgi bhalu li kienu jkunu ghassa l-isptar dik it-tali gurnata, inkluz hu – Dokument 4.

Huma t-tnejn ghaddew minn dan il-bord tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku. Siehbu ha l-appointment datat 25/8/94. L-appointment tieghu ma harigx. Ir-raguni li nghata kienet illi post wiehed biss kien hemm u mhux tnejn.

Izda bl-appointment ta' Alex Attard **Biss** u mhux tieghu wkoll, (fis-servizz konsulent wiehed ma jistax jaghti dan is-servizz wahdu minghajr konsulent iehor), huwa mpossibbli li Konsulent kirurgu **wiehed** ikun ghassa ghall-emergenzi 24 siegha kull 24 siegha s-sena kollha. Lanqas jista jimrad, jew jiehu l-leave tieghu, ghax ma ghandux cover. Jigifieri bilfors hemm bzonn ta' tnejn ghal servizz ta' roster ta' darba iva ohra le (1 in 2).

**Kien hawn li saret l-ingustizzja mieghu.** Ghaliex flok ma hareg l-appointment tieghu, gie inkarigat ghal dan ix-xoghol kirurgu iehor, Dennis Gatt li ghalkemm huwa impjegat bhala Konsulent fil-Kirurgija Generali, mhuwiex

impjegat b'interess Vaskulari bhalma kienet titlob dik is-sejha li applika ghalija huwa. Dan kien applika taht is-sejha tas-16/4/1987 - Dok 2 u dak kien l-appointment tieghu. Dennis Gatt qatt ma applika ghas-sejha ta' 4/3/94 liema sejha kien applika hu u ghadda mill-bord ta' l-ghazla. **Din is-sejha kienet l-ewwel tax-xorta taghha u specifika**. Dok 1. Parliamentary Question 27279 Dok 5 risposta mill-Ministru Louis Galea 17/7/95 tghid li "post wiehed ta' Vascular Surgeon inghata" filwaqt li fl-istess seduta l-istess Ministru f'Parliamentary Question 27281 - Dok 6 jghid li "Hemm zewg Vascular Surgeons fl-Isptar San Luqa u li bejniethom ghandhom arrangamenti biex ihaddmu servizz ta' Emergenza fil-kamp vaskulari. **"Gia la darba jien kont ghaddejt mill-bord ta' l-ghazla, insostni li d-dipartiment ma kellu l-ebda jedd jew dritt li jinsa r-rizultat tieghi u jinnegozja ma xi haddiehor biex jipprovdi s-servizz mitlub". -** Dok 7,8 juru li daqqa jaghmel ghassa Alex Attard ghal Vaskular u daqqa Dennis Gatt (fil-kaxxa ta' l-ONCALL). Waqt li l-Ministru kien qed jghid dan kien ghadu jghodd ir-rizultat tieghu, u allura saret ingustizzja akbar mieghu.

Fil-file tad-dipartiment tas-Sahha 900/60/III, jezisti dokument immarkat Dok 8 f'dan il-file, bid-data 14/4/94 (jigifieri ftit wara li harget is-sejha fil-Gazzetta tal-Gvern) iffirmat minn l-Onor Ministru Louis Galea fejn dan jafferma li hemm "Posts" u mhux "Post" f'dan il-qasam. Hemm kopja ta' ittra fl-istess file mmarkata Dok 9 mis-segretarja tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku, datata 29/4/94, fejn tafferma 'Posts' u mhux 'Post'. Tezisti ittra ohra ffirmata minn Salvu Lautier, id-direttur tar-rizorsi umani fid-dipartiment tas-Sahha immarkata Dok 11, fil-file tad-Dipartiment tas-Sahha .DH. 950/60/6, bid-data ta' 23/5/94, li baghat lill-membri tal-Bord ta' l-Ghazla tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku, fejn dan jafferma "Posts" u mhux "Post" fis-sejha tal-applikazzjonijiet.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinhariglu l-Appointment tieghu, skond kif stipulat backdated ghall-25/8/94 flimkien ma rimunerazzjoni xierqa ta' d-differenza fil-paga ta' Lm500 kull sena ghal 3 snin jigifieri ta' Lm1500 bl-interessi.

Ra l-elenku tax-xhieda u dokumenti tar-rikorrent.

Ra r-risposta tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fejn wiegbet illi:

1. Illi fil-konfront tal-Kummissjoni dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni ghaliex it-Tribunal hu prekluz li jinvestiga l-validita' ta' dak kollu li ghamlet jew taghmel il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fl-ezercizzju tal-funzjonijiet taghha u dan skond l-artiklu 115 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta.

2. Illi ma jirrizultax lill-Kummissjoni li r-rikorrent, it-tabib Victor M. Sultana qatt ghamel xi petizzjoni lill-Prim Ministru kif seta' jaghmel taht il-klawsola 1.1.7 ta' l-Estacode dwar l-ilment relatat mal-hatra ta' Konsulent Kirurgiku wara sejha ghall-applikazzjonijiet li saret fl-4 ta' Marzu 1994. Il-Kummissjoni qed tirrileva dan ghall-fini ta' l-artikolu 5(3)(b) ta' l-Att VIII ta' l-1997.

3. Illi, minghajr pregudizzju jinghad li s-sejha li saret ghall-applikazzjonijiet, ippublikata fl-4 ta' Marzu 1994 kienet ghall-mili ta' post wiehed fil-grad ta' "Consultant Surgeon" fid-Dipartiment tas-Sahha. Ghal din is-sejha kien hemm zewg applikanti, ir-rikorrent u iehor.

4. Illi fl-ghazla li saret, fuq kriterji approvati mill-Kummissjoni it-tabib Victor Sultana gab 101 marka minn 200 marka filwaqt li l-applikant l-iehor it-tabib Alex Attard gab 166 marka minn 200. Ghaldaqstant fuq ir-rakkommandazzjoni tal-Kummissjoni inhatar it-tabib Alex Attard biex jimla l-vakanza u ma saret l-ebda hatra taht din is-sejha ghall-applikazzjonijiet.

5. Illi, l-Kummissjoni kienet sodisfatta li l-proceduri u l-ghazla saru b'mod korrett.

6. Illi l-allegazzjonijiet u l-ilmenti l-ohra tar-rikorrent m'ghandhom ebda relazzjoni ma' l-operat tal-Kummissjoni u din ma taf xejn dwarhom.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra
Illi b'din il-kawza r-rikorrent qieghed jilmenta illi huwa ma nghatax post ta' konsulent b'interess specjali fil-kirurgija vazkulari u renali wara sejha li saret fil-gazzetta tal-Gvern fl-4 ta' Marzu 1994 li ghaliha kienu applikaw zewg persuni biss, ir-rikorrent u Alex Attard u fil-waqt li Alex Attard ha l-pozizzjoni r-rikorrent baqa' barra u gie appuntat kirurgu Denis Gatt direttament minn barra biex jaghmel xoghol ta' konsulenza fil-kirurgija vazkulari u renali.

Ikkunsidra

Ghal dawk illi huma l-eccezzjonijiet preliminari tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku, t-Tribunal jaghmel referenza ghal kawza fl-istess ismijiet bin-numru 876/97 deciza llum u jaghmel tieghu r- ragunijiet moghtija f'dik il-kawza li fiha idderima l-eecezzjonijiet preliminari mqajjma mill-Kummissjoni u ghall-istess ragunijiet fil-waqt illi jaghmel pjena referenza jichad l-eccezzjonijiet u jghaddi biex jikkonsidra l-meritu.  Jinnota pero` illi l-Ministeru tas-Sahha u d-Dipartiment tas-Sahha m'ghamlux risposta ghall-allegazzjonijiet tar-rikorrent.  Veru li fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghhom l-intimati jaghmlu referenza ghan-nota ta' l-eccezzjonijet pero` din mhix inserita f'din il-kawza izda fil-kawza l-ohra fuq imsemmija bl-istess ismijiet bin-numru 876/97.  Madankollu t-Tribunal xorta sejjer jikkonsidra l-oggezzjonijiet u r-risposti maghmula mill-intimati bhal li kieku pprezentaw l-eccezzjonijiet f'din il-kawza.

Ikkunsidra
Illi l-pern tal-kwistjoni ddur fuq is-sejha illi saret fl-4 ta' Marzu 1994, DH950/63/3 Dokument 1 a fol 4 tal-process. Minn hawn jirrizulta car illi "The Public Service Commission invites applications from suitably qualified and experienced medical practioners for the post of consultant surgeon in the Department of Health." Is-sejha hawnhekk qeda' ghall-post wiehed u mhux tnejn, veru illi applikaw ir-rikorrent u l-kirurgu Alex Attard u t-tnejn ghaddew pero` Alex Attard gab marki aktar mir-rikorrent u ghalhekk il-pozizzjoni inghatat lilu. Ir-rikorrent jilmenta illi skond il-kalkoli illi ghamel hu Alex Attard ma kellux igib marki aktar minnu. Bir-rispett, it-Tribunal ma jahsibx illi r-rikorrent huwa fl-istat illi jiggudika lil haddiehor aktar minnu. It-Tribunal m'ghandux il-komfort tal-"workings" tal-Kummissjoni ta' kif waslu biex jaghtu aktar marki lil Alex Attard u mhux lir-rikorrent. Dan ghaliex il-Kummissjoni qeghda tinqeda bil-protezzjoni moghtija lilha mill-Kostituzzjoni biex ma taghtix informazzjoni dwar il-mod kif tasal ghal konkluzzjonijiet taghha. Ghalhekk it-Tribunal mhuwiex f'pozizzjoni illi jaghmel valutazzjoni ta' l-ghazla u jara jekk sarx apprezament zbaljat fil-kors tad-deliberazzjonijiet tal-Kummissjoni.

Hawnhekk it-tribunal jaghmel referenza ghall-argumenti u l-gurisprudenza minnu kkwotat fil-kawza fl-istess ismijiet fuq msemmija 876/97 ghal dak li jirrigwarda l-operat tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku. Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi ma giex ppruvat illi sar xi apprezzament zbaljat fil-kors ta' l-ghazla liema ghazla affetwat lir-rikorrent ingustament. Sa hawn, it-Tribunal ma jara xejn ingust fl-ghazla ta' Mr Alex Attard bhala l-konsulent b'interess specjali fil-kirugija vaskulari u renali tramite s-sejha ta' l-applikazzjoni DH950/63/3. Fil-fatt Dr Ray Busuttil, huwa d-Direttur Generali fil-qasam tas-Sahha jghid (fol 92) "li fil-fehma tieghi s-Sur Sultana ma giex appuntat peress li t-talba tad-Dipartiment minn dejjem kienet ghall-post wiehed…." Ir-rikorrent jargumenta illi post wiehed ma kienx se jkun bizzejjed biex jaqdi sewwa l-funzjonijiet lejn il-Pubbliku. Jghid li ma jistax ikun illi jkollok konsulent on duty il-hin kollu 24 siegha, 7 t'ijiem fil-gimgha u ghalhekk

bilfors irid ikollu lil xi hadd biex jghinu. Jallega illi gie appuntat il-Kirurgu Denis Gatt direttament minn barra biex jaghmel ix-xoghol ta' kirurgu fil-qasam vaskulari u renali u gie mwarrab totalment minkejja li huwa ghadda mill-ezami u kien ikkwalifikat aktar minn Mr Denis Gatt.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal hawnhekk jirrileva illi minkejja dak illi qal ir-rikorrent, Mr Denis Gatt qatt ma gie appuntat konsulent fil-qasam vaskulari u renali. Dan kien diga consultant surgeon u inghata l-kariga fil-vascular bhala cover (ara xhieda Dr Ray Busuttil fol 92). Dr Busuttil ikompli jghid illi l-inkarigu bhala consultant surgeon flok "on a contract basis" sar "on a permanent basis" izda ma giex appuntat vascular surgeon u li Mr Denis Gatt kien dahal fir-roster biex ikompli l-emergenzi fil-vascular surgery b'mod informali. Il-fatt illi Mr Denis Gatt fil-visiting card tieghu igib illi huwa ghandu l-konsulenza fil-kirurgija vaskulari u renali ma jfissirx illi d-Dipartiment jew l-Awtoritajiet tawh dik il-kariga bhala rizultat ta' xi applikazzjoni illi huwa ghamel. Veru li d-Dipartiment halla barra kompletament lir-rikorrent fl-ghazliet li ghamel ghal min kellu jaghti cover fil-kirurgija vaskulari u renali. Dan minkejja illi huwa kien ghadda mill-ezami fuq msemmi. Pero` irid jinghad ukoll illi filwaqt li Mr Denis Gatt diga kellu konsulenza r-rikorrent ma kellux. Hawnhekk it-tribunal jaghmel referenza ghal kawza l-ohra li ntavola r-rikorrent bin-numru 876/97, li fiha talab li jinghata l-post ta' konsulent. It-Tribunal laqa' din it-talba u forsi kien ghalhekk li l-intimati naqsu li jikkunsidraw ir-rikorrent peress illi sal-lum ir-rikorrent baqa' ma kellux il-post ta' konsulent kif verament kien jixraqlu. Ghalhekk dan seta' kellu effett fil-karriera tieghu sussegwentement. Pero` f'din il-kawza partikolari l-ilment tar-rikorrent ma jidhirx illi huwa gustifikat. Is-sejha tad-Dipartiment dejjem kienet ghal post wiehed u l-gazzetta tal-Gvern jixhed dan. Dak illi qal il-Ministru (fol 14) m'ghandu jkollu l-ebda effett fuq din is-sitwazzjoni. Id-dokument ufficjali u legali tibqa' dejjem il-gazzetta tal-Gvern, u jghid x'jghid il-Ministru ma jista qatt ibiddel it-termini msemmija fil-gazzetta. F'dan il-kaz dejjem tkellmet dwar post wiehed u l-intimati ghalhekk huma marbutin bit-termini msemmija fl-istess gazzetta

ghal dan il-post. Saru zewg applikazzjonijiet, saru l-interviews, gew kunsidrati r-rizultati u l-performance ta' l-applikanti u l-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku kif komposta ghazlet lil wiehed mill-applikanti u mhux lir-rikorrent. it-Tribunal sa hawn ma jara xejn ingust.

Saret forma ta' ingustizzja pero` meta fl-ghazla ghal min kellu jaghti cover inghazel Mr Denis Gatt flok ir-rikorrent. Ta' min isemmi pero` kif diga rrileva t-Tribunal illi f'dak l-istadju Mr Gatt kien diga konsulent mentri r-rikorrent ma kienx u ghalhekk forsi sa certu punt l-intimati setghu kienu gustifikati meta ghazlu lil Mr Denis Gatt biex jaghmel ix-xoghol ta' cover u mhux lir-rikorrent. Mr Denis Gatt pero` zbalja meta huwa identifika ruhu konsulent fil-qasam tal-kirurgija vaskulari u renali meta fil-fatt ma kienx. Dan pero` ma jaffettwax l-operat ta' l-intimati illi f'din il-kawza t-Tribunal jara li aggixew b'mod konformi mal-ligi, aderew mat-termini ghas-sejha ghall-applikazzjoni minnhom maghmula u ma saritx xi ngustizzja lampanti fil-konfront tar-rikorrent.

Ghal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni illi saret mid-Dipartiment fid-19 ta' Jannar 1999 (Dok 11) dan huwa barra t-terminu tal-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal u ghalhekk ma jistax jiehu konjuzzjoni tieghu.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li jichad it-talba tar-rikorrent. Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------